

32003R2012

15.11.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 297/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2012/2003

ta' l-14 ta' Novembru 2003

li jikkorreġi r-Regolament (KE) Nru 2535/2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li jirrigwardja l-importazzjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib u li jiftaħ il-kwoti ta' tariffi u jagħti deroga minn dak ir-Regolament

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/2003 tas-27 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1787/2000 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex ikunu mplementati il-konċessjonijiet li hemm provvediment dwarhom fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/263/KE tas-27 ta' Marzu 2003 dwar il-firma u l-konklużjoni ta' Protokoll li jaġġusta l-aspetti tal-kummerċ fil-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Polonja, minn naħa l-oħra, sabiex jittieħed qies tar-riżultat tan-negozjati bejn il-partijiet rigward konċessjonijiet agrikoli reċiproki ⁽³⁾, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 787/2003 ⁽⁴⁾ jibdel, *inter alia*, il-punt 1 tal-parti I.B ta' l-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1157/2003 ⁽⁶⁾, b'effett mill-1 ta' Mejju 2003. F'dik l-okkażżjoni, referenza għal postilla li tistqarr li l-importazzjoni permezz ta' kwota hija rriservata għall-prodotti li ma jkunux irċevew xi tip ta' susidju fil-Polonja, bi żball irreferiet ukoll għal-prodotti li ma humiex suġġetti għal dik il-kondizzjoni. Dik il-kondizzjoni għandha għalhekk tkun abolita għall-prodotti kkonċernati b'effett mill-1 ta' Mejju 2003.

(2) B'segwiment ta' l-aħħar emenda tiegħu, ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 issa jinkorpora id-dispożizzjonijiet implementattivi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/465/KE ⁽⁷⁾, li tirrigwardja l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità u n-Norveġja li jikkonċerna ċerti prodotti agrikoli.

(3) L-imsemmi Ftehim jirrigwardja, *inter alia*, għal tibdil, mill-1 ta' Lulju 2003, tal-metodu ta' l-amministrazzjoni ta' kwota, preċedentament ibbażata fuq il-ħruġ ta' ċertifikati IMA 1 kif hemm provvediment dwar dan fit-Titolu 2, il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, bl-

amministrazzjoni fuq il-bażi biss ta' liċenza tal-importazzjoni kif hemm provvediment dwar dan fil-Kapitolu I tal-imsemmi Titolu 2.

- (4) Dik l-amministrazzjoni hija kkaratterizzata fi proċedura ta' l-approvazzjoni li teħtieġ li l-operaturi jippreżentaw applikazzjonijiet għall-approvazzjoni sa l-1 ta' April ta' kull sena.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1157/2003 jeżenta lill-operaturi mill-proċedura ta' l-approvazzjoni għall-ftuħ fl-1 ta' Lulju 2003 ta' l-ewwel tranki ta' kwoti għall-importazzjoni min-Norveġja, referuti fl-Anness I, il-parti H, tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, meta jkun jkun meqjus li ma jkunx aktar possibli li jintlaħaq il-limitu ta' żmien ta' l-1 ta' April għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni. Għall-ftuħ tat-tieni tranki ta' daww il-kwoti, skedat għal Jannar 2004, preċeduri transizzjonali ta' l-approvazzjoni għandhom ikunu stabbiliti għall-operaturi kkonċernati.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 għandu jkun ikkorreġut u t-trattat b'deroga, bħala riżultat ta' dan.
- (7) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u l-Prodotti mill-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I, il-parti I.B, tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, il-punt 1 huwa mibdul bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. B'deroga mill-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001, għal kwoti ta' tariffi referuti fl-Anness I, il-parti H, ta' l-imsemmi REgolament, u miftuħa fl-1 ta' Jannar 2004, approvazzjoni għandha tkun mogħtija lill-kwalunkwe operatur li jippreżenta sa l-1 ta' Diċembru 2003 applikazzjoni għall-approvazzjoni bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fl-imsemmi Artikolu.

⁽¹⁾ ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 270, tal-21.10.2003, p. 121.

⁽³⁾ ĠU L 97, tal-15.4.2003, p. 53.

⁽⁴⁾ ĠU L 115, tad-9.5.2003, p. 18.

⁽⁵⁾ ĠU L 341, tat-22.12.2001, p. 29.

⁽⁶⁾ ĠU L 162, ta' l-1.7.2003, p. 19.

⁽⁷⁾ ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 48.

2. B'deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001:

(a) l-awtorità kompetenti għandha tinforma lil-applikanti għall-approvazzjoni tal-kwoti referuri fl-Anness I, il-parti H, ta' l-imsemmi Regolament bir-riżultat tal-proċedura ta' l-approvazzjoni sal-15 ta' Diċembru 2003;

(b) l-approvazzjoni għandha tkun valida għal sitt xhur biss.

3. B'deroga mill-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2535/2001:

(a) L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw mal-Kummissjoni, sa l-20 ta' Diċembru 2003, bi qbil mal-paragrafu 3 ta' l-imsemmi Artikolu, il-lista ta' l-operaturi approvati sabiex jieħdu sehem fl-allokazzjoni tal-kwoti referuti fl-Anness I, il-parti H, ta' l-imsemmi Regolament, miftuħa fl-1 ta' Jannar 2004;

(b) biss dawk l-operaturi murija fil-lista referuta taħt il-punt (a) għandhom ikunu awtorizzati li jippreżentaw applikazzjonijiet għall-liċenzi matul il-perijodu mill-1 Jannar sat-30 Ġunju 2004 għall-kwoti referuti fl-Anness I, il-parti H, ta' l-imsemmi Regolament, miftuħa fl-1 ta' Jannar 2004.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun japplika mid-data tad-dħul tiegħu fis-seħħ, ħlief għall-Artikolu 1, li għandu jibda japplika mill-1 ta' Mejju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Novembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

“1. Prodotti li joriġinaw fil-Polonja

Numru tal-kwota	Kodiċi NM	Deskrizzjoni (1)	Ir-rata tad-dazju applikabbli (% tad-dazju NPF)	Kwanitajiet annwali (tunnellati) mill-1.7.2002 sat-30.6.2003	Kwanitajiet miftuħa fil-1.7.2002 (3)	Kwanitajiet miftuħa fil-1.1.2003 (3)	Kwanitajiet miftuħa fil-1.5.2003	Kwanitajiet annwali (tunnellati) mill-1.7.2003 sat-30.6.2004	Żieda annwali mill-1.7.2004
09.4813	0402 10 19 0402 21 19 0402 21 99	Trab tal-ħalib	Eżenzjoni	12 575	6 000	6 000	575	14 300	1 430
09.4814	0405 10 11 0405 10 19 0405 10 30 0405 10 50 0405 10 90 0405 20 90	Butir u dlik mill-ħalib (2)	Eżenzjoni	7 545	3 600	3 600	345	8 580	860
09.4815	0406	Ġobnijiet (2)	Eżenzjoni	11 318	5 400	5 400	518	12 870	1 290”